# BJUDA

Għaddiet is-sħaba, s-sħaba bajdanija
li 'l-qamar satret; niżlu ħjut tax xita
kollha tal-fidda, w tħarrku donnhom b'seħer
susân u ġiżi.

Il-qamar raġa' deher mimli u mfaqqa',
abjad iżjed mis-silġ ta' l-Imalajja;
il-kwiekeb feġġu, bħal ferħ naħal, jiddu
dwar qolla mfid'da.

Dehret fil-baħar triq kollha djamanti :
minn ġewwa l-lewża li ftit ilu żahret
il-għasfur ta' bil-lejl iħoll għanjietu,
fl-egħlieqi mdawwla.

Ma' dwar il-barumbara li filgħodu
bajjad is-sid, il-ħamiem, abjad rieqed,
joħlom il-benna ta' rebbiegħa ħienja
ta' safa w bjuda.

27-X-32.

**A. Buttigieg**